**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 18**
**Rik. Gur. Nru. 132/16 JZM**

**Mary Lourdes Debono (K.I. 176742M)**

***kontra***

**Claire Pisani (K.I. 494182M) u Joseph Pisani (K.I. 493073M) konjugi**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-22 ta` Frar 2016 bil-procedura sommarja specjali li jaqra hekk :–

1. *Illi l-attrici hija z-zija tal-konvenut Joseph Pisani ;*

*2. Illi l-konvenuti qed jiddetjenu ghandhom is-somma ta` €30,000 liema somma giet fdata lilhom wara li zewgha kien miet fil-hdax (11) ta` Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) bil-ftehim li tali somma ghandha tigi rritornata lilha fuq talba taghha ;*

*3. Illi meta l-attrici talbet lill-konvenuti sabiex jirritornaw din is-somma l-konvenuti, huma naqsu li jaghmlu dan ;*

*4. Illi l-imsemmi kreditu tar-rikorrent huwa cert, likwidu u ezigwibbli u, sa fejn taf l-istess rikorrenti l-konvenuti ma ghandhom ebda difiza valida opponibbli f` din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta` din is-somma ;*

*5. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-Artikoli 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*Ghaldaqstant ighidu l-intimati ghaliex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja :*

*1. M`ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti taghti sentenza u tilqa` t-talba tar-rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 et sequitur tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kap.12) ; u*

*2. Tiddikjara lill-intimati debituri fil-konfront tar-rikorrenti ghas-somma ta` tletin elf ewro (€30,000) dovuta kif intqal aktar `l fuq.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mill-11 ta` Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici, u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tat-22 ta` Marzu 2016 fejn, wara li sabet illi *prima facie* l-konvenuti kellhom eccezzjonijiet fil-ligi jew fil-fatt xi jgibu kontra l-mertu tal-azzjoni, tat lill-konvenuti zmien ghoxrin (20) jum biex jipprezentaw risposta gurmamentata.

Rat li l-konvenut baqa` ma pprezentax risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li kienet prezentata fl-4 ta` April 2016 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament l-esponenti ghaddejja minn proceduri ta` separazzjoni kontra l-intimat Joseph Pisani u ghalhekk kwalunkwe dejn illi seta` kkuntratta zewgha mal-attrici zitu, in kwantu att ta` amministrazzjoni straordinarju, kien jehtieg il-kunsens taghha, li qatt ma ntalbet ;*

*2. Illi l-esponenti qatt ma hadet self jew giet affidata bi flejjes appartenenti tal-attrici tant illi kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti mar-rikors promotur, il-flejjes huma appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ;*

*3. Illi l-intimat Joseph Pisani jikkonferma illi l-flejjes indikati huma flejjes tal-komunjoni tal-akkwisti u li dawn il-proceduri gew istitwiti fuq instigazzjoni tieghu biex jilledi d-drittijiet tal-attrici fil-kawza tas-separazzjoni u dan kif ser jirrizulta mill-provi mressqa fil-proceduri tal-kawza ;*

*4. Illi, bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz huwa preskritt a norma tal-artikolu 2156 (e) u (f) tal-Kodici Civili.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuta.

**Rat in-nota li pprezentat l-attrici fl-udjenza tad-19 ta` April 2016 fejn cediet l-atti tal-kawza limitatament fil-konfront tal-konvenuta.**

Semghet ix-xhieda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

**Rat in-nota li pprezentaw l-attrici u l-konvenut fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2016, kif ukoll it-talba li ghamlu sabiex il-Qorti taghti sentenza abbazi ta` dik in-nota.**

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. Xhieda

**Joseph Caruana** minn Banif Bank Malta plc xehed illi l-konvenuta kellha zewg kontijiet :-

Savings Account No 76600.18.01, li nfetah fid-29 ta` Dicembru 2009, u li kien fih cash deposit ta` EUR 8,000. Il-kont inghalaq fit-12 ta` Settembru 2011 ;

Term Deposit Account No 76600.20.001 li nfetah fil-31 ta` Dicembru 2009 u nghalaq fil-5 ta` Ottubru 2010. Dan il-kont fetah bi EUR 8,000 li gew trasferiti minn kont ghal iehor u imbaghad meta inghalaq, rega` tpoggew fl-istess kont.

Qal illi ma rrizultax li l-konvenut kellu kontijiet maghhom f`ismu wahdu, ghalkemm kellu kontijiet kongunti mal-konvenuta :-

Savings Account No 164305.18.001 li nfetah fl-10 ta` Jannar 2011 u nghalaq fid-9 ta` Marzu 2016. Il-kapital tal-ftuh kien ta` EUR 16,000 ;

Term Deposit Account No 164305.20.001 li nfetah fl-10 ta` Jannar 2011 u nghalaq fl-10 ta` Jannar 2012. Fetah bl-ammont ta` EUR 16,000 li kien trasferit mis-Savings Account. Meta l-kont ghalaq, il-flus rega` marru fis-Savings Account ;

Term Deposit Account No 164305.20.002 li nfetah fit-12 ta` Jannar 2012 u nghalaq fil-11 ta` April 2012. L-ammont tal-ftuh kien EUR 17,758 li kien ingibed mis-Savings Account No 164305.18.001. Meta nghalaq il-kont, il-flus rega` marru fil-kont mnejn gew ;

Term Deposit Account No 164305.20.003 li nfetah fil-11 ta` April 2012 u nghalaq fil-11 ta` Ottubru 2014. Is-somma ta` EUR 20,258 giet mill-kont 163305.18.001. Meta inghalaq il-kont, il-flus rega` marru fil-kont mnejn kienu gew ;

Kont bin-nru 164305.20.004 li nfetah fit-28 ta` Gunju 2013 b`€100 u nghalaq fit-28 ta` Gunju 2014. Tul is-sena li dam miftuh kien hemm transfers bhala savings plan bi standing order ta` EUR 50 fix-xahar.

Qal illi l-attrici ma kellhiex kontijiet ma` l-bank.

**Audrey Ghigo** mill-HSBC Bank Malta plc xehdet li l-konvenuta ghandha kont savings bin-nru 056101405050 li nfetah fit-13 ta` Marzu 1997. Fil-kont ma kienx hemm caqlieq hlief ghal zieda ta` interessi. L-attrici ma kellhiex kontijiet ma` dan il-bank.

**Joanna Bartolo** mill-Bank of Valletta plc xehdet illi l-konvenuta kellha zewg kontijiet waqt li l-konvenut kellu kont wiehed.

**Joseph Saliba** mill-Korporazzjoni Xoghol u Tahrig ipprezenta l-*employment history* ta` l-konvenuti.

**Karen Cremona** mill-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta xehed illi l-konvenut ghandu erba` vetturi registrati f`ismu ; wahda minnhom hija *scrapped.* Ipprezentat taghrif dwar vetturi registrati fl-isem tal-konvenuta.

**Il-konvenut** xehed illi l-attrici tigi z-zija tieghu. Meta miet zewgha, hija fdat xi flus lilu. Parti mill-flus uzahom biex irranga d-dar taghha. Meta thallsu dawn l-ispejjez, kien fadal xi EUR 14,000. Dawn kienu depozitati, flimkien ma` EUR 5,000 li z-zija tatu ghal uliedu. Il-flus kienu *cash* u kienet izzommhom id-dar. Huwa qieghed kollox il-bank.

Kompla jixhed illi martu kienet tiehu hsieb dawn il-flus.

Qal illi kellu prokura li llum m`ghadhiex tghodd. L-attrici kellha kontijiet il-BOV, u kien juza dik il-prokura biex jigbed il-flus.

Qal illi kien ha lill-attrici l-Banif Bank biex iserrhilha rasha fejn kienu l-flus taghha.

Ighid illi l-attrici kienet tghidlu biex jigbed il-flus mill-kontijiet tal-BOV biex imbaghad ikun jista` jhallsilha l-kontijiet taghha.

Huwa cahad li gibed €5,000 mill-kontijiet tal-BOV.

Ikkonferma illi gieli uza flus mill-kont ta` l-attrici biex imur jilghab il-Casino. Qal pero` illi l-flus li kien jiehu kien ipoggihom lura fil-kont taghha. Kull meta ghamel uzu ghalih mill-kont tal-attrici, poggiehom lura fil-kont taghha.

Stqarr illi l-flus li ntuzaw biex tigi rrangata d-dar fejn kienet tabita l-attrici kienu flus kontanti.

Ikkonferma li ghalhekk l-ewwel thallsu l-ispejjez ; imbaghad li fadal tqieghed il-bank.

Qal illi mhuwiex minnu li l-attrici tatu EUR 30,000. Fisser illi l-attrici tatu EUR 23,000 jew EUR 25,000 li wara li saru l-ispejjez ghat-tiswija fid-dar, kien fadal bilanc ta` EUR 14,000, li huwa lest li jaghtihom lura lill-attrici.

**L-attrici** xehdet illi qabel miet, zewgha kien infurmaha li kellhom xi flus taht it-tarag li zewgha qalilha kienu jammontaw ghal EUR 30,000. Hija kienet thalli f` idejn zewgha u qatt ma ghamlet xi ghadd tal-flus.

Stqarret illi l-konvenut li kien jigi n-neputi taghha. Dan kien staqsieha x`ser taghmel bil-flus. Fil-fatt hadu l-flus fid-dar tieghu.

Qalet illi baqghet tistaqsi x`ser taghmel bil-flus u l-konvenut kien issuggerielha li l-flus jitqeghdu l-bank.

Fissret illi l-konvenut kien infurmaha li kien ha EUR 25,000 minn dawk il-flus u poggihom x` imkien iehor. Hija nsistiet biex tara fejn kien pogga dawk il-flus u wara li kellha xi tghid mieghu, il-konvenut hadha l-bank.

Ikkonfermat li parti mill-flus intuzaw mill-konvenut biex jirranga d-dar fejn tghix, ghalkemm ma kinitx taf kemm nefaq fi spejjez.

Qalet illi l-konvenut ghamel kwazi d-dar taghha mill-gdid. L-ewwel saru x-xogholijiet u thallsu ; imbaghad il-bilanc kien depozitat il-bank.

Qalet illi l-bank kien avzaha li l-konvenut kien qed jutilizza l-credit card tal-kont taghha u jigbed flus ghal uzu personali tieghu. Il-konvenut kien qalilha wkoll li l-konvenuta kienet xtrat karrozza bil-flus tal-attrici.

Sostniet illi mill-kont tal-BOV, il-konvenuti kien ihallsilha l-kontijiet tad-dawl u ta` l-ilma, u anke l-kera.

**Charles Pisani** xehed illi huwa jigi hu l-konvenut.

Qal illi l-attrici kienet qaltlu li ghandha EUR 30,000 id-dar taht it-tarag. Huwa kien taha parir li l-flus jitpoggew il-bank ; u jaf li hekk sar.

Stqarr illi wara sar jaf li l-flus kienu gew depozitati fl-isem tal-konvent, mhux fuq isem l-attrici.

Ikkonferma li fid-dar tal-attrici saru diversi xogholijiet wara li miet ir-ragel taghha.

Qal illi ntefqu flus biex sar madum, shower, kcina u kamra tas-sodda.

Xehed illi huwa mar mal-attrici u mal-konvenut il-Banif Bank u rrizulta statement dwar fejn kienu gew depozitati l-flus.

Qal illi ghalkemm il-konvenut kellu prokura ta` l-attrici, huwa qatt ma kellu prokura taghha.

## III. **<u>It-transazzjoni</u>**

Fl-udjenza tas-26 ta` Gunju 2016, il-partijiet ipprezentaw nota flimkien fejn iddikjaraw illi qeghdin jaccettaw u jaqblu dwar li gej :-

1) Illi l-konvenut kien ircieva minghand l-attrici s-somma ta` €25,000 ;

2) Illi minn din is-somma, il-konvenut nefaq l-ammont ta` €9,000 ghax-xogholijiet li saru fid-dar tar-residenza ta` l-attrici ;

3) Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici accettanti l-bilanc ta` €16,000 ;

4) Illi l-attrici ghandha tircievi l-imghax kollu li ddekorra fuq is-somma depozitata fil-kont tal-Banif Bank Malta plc numru 164505181 (fol 31 sa fol 32).

## IV. **<u>Dritt</u>**

It-transazzjoni hija definita bl-**<u>Art 1718 tal-Kap 16</u>** bhala *"kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghall-kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir"*.

**<u>Trabucchi</u>** fit-trattat tieghu "**<u>Istituzioni di Diritto Civile</u>**" (Pg 851-852) jghid li *"la transazione infine e' il contratto con il quale le parti pongono fine a una lite gia' cominciata o prevengono una lite che sta per sorgere tra loro, facendosi reciproche concessioni … … La transazione non puo' essere provata con testimoni ; richiede la prova scritta"* .

Huwa ghalhekk pacifiku illi "*perche un contratto possa qualificarsi di transazione, e` necessario che le parti col medesimo abbiano posto fine ad una lite incominciata, o prevenuto una lite che fosse per nascere*" (**Kollez. Vol. X. 337**).

Jinghad illi "*it-transazzjoni ghandha zewg elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-ohra; l-ewwel wiehed hu d-dubju, li minnu jridu johorgu l-partijiet billi jirrizolvuh huma stess minflok ihallu d-decizjoni fuqu ghall-Qorti ; it-tieni hu dak li l-prattici jsejhu l-"hinc inde remissum", cjoe il-koncessjoni jew sagrificcju reciproku.*" (**Kollez. Vol. XLIII.I.418**).

Ghalkemm transazzjoni trid isir bil-miktub *ad validitatem*, intqal mill-Qrati taghna li verbal tal-partijiet waqt kawza ghandu l-istess effett kontrattwali ("**Direttur tal-Agrikoltura vs Galea**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 1987). Fil-kaz tal-lum, it-transazzjoni bejn il-partijiet saret permezz tan-nota kongunta li kienet ipprezentata fl-udjenza tas-26 ta` Gunju 2016.

Ladarba it-transazzjoni hija valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi "*ghandha l-effett ta' sentenza li tghaddi f`gudikat u ghalhekk it-transazzjoni hi parifikata ghal sentenza*" (**Kollez. Vol. XXXIV.III.900**).

## V. Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex taghti sentenza fejn ikun rifless il-ftehim ta` bejniethom.

Ghalkemm l-ammont li originarjament l-attrici talbet il-hlas tieghu kien ta` €30,000, bil-ftehim fuq riferit dik is-somma nizlet ghal €25,000.

Dawn il-€25,000 kellhom jerga` jinzlu ghal €16,000 sabiex minnhom jitnaqqsu l-ispejjez ta` €9,000 li sborsa l-konvenut fix-xogholijiet li saru fid-dar tar-residenza tal-attrici.

Is-somma ta` €16,000 hija depozitata fil-kont ma` Banif Bank Malta plc nru 164305.18.001 (ara fol 31 u 32).

Hemm qbil li l-attrici ghandha tircievi l-imghax kollu li ddekorra fuq is-somma depozitata fil-kont tal-Banif Bank Malta plc numru 164505181.

In vista tar-rieda espressa tal-attrici u tal-konvenut, il-Qorti sejra tikkonferma t-transazzjoni fis-sens li l-Qorti sejra taghti sahha ezekuttiva ghas-sostanza ta` dak bonarjament konkordat bejniethom.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza kif dedotta kontra l-konvenuta, stante c-cessjoni tal-atti tal-kawza limitatament fil-konfront taghha fil-mori tal-kawza.**

**Qeghda twettaq il-kuntratt ta` transazzjoni li kien maqbul u konkluz bejn l-attrici u l-konvenut skont nota kongunta li kienet prezentata fl-udjenza tat-28 ta` Gunju 2016, billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-**

**Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attrici fl-ammont ta` sittax-il elf Ewro (€16,000).**

**Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attrici fir-rigward tal-imghax kollu li ddekorra fuq is-somma depozitata fil-kont bin-numru 164305.18.001 ta` Banif Bank Malta plc.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta` sittax-il elf Ewro (€16,000) bl-imghax skont il-ligi b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-imghax kollu li ddekorra fuq is-somma depozitata fil-kont bin-numru 164305.18.001 ta` Banif Bank Malta plc, bl-imghax skont il-ligi fuq il-**

**kumulu tal-istess imghax fl-imsemmi kont b`effett mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez tal-kawza, hlief ghal dawk tal-konvenuta li ghandhom jithallsu mill-attrici.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**